MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2013

Citazzjoni Numru. 258/2011

A B

vs

C D

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentatipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-partijiet zzewgu nhar l-25 ta' Mejju, 2005 fil-Knisja ta' Santa Marija f'Hal-Ghaxaq u dan kif jirrizulta mill-vera kopja tal-Att taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'A';
2. Illi minn dan iz-zwieg ma twiledux tfal;

3. Illi l-kunsens tal-partijiet ossija ta' wahda mill-partijiet ghaz-zwieg imsemmi, kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu li, kif ser jgi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ghamlitha impossibli ghall-partijiet li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;
4. Illi l-kunsens tal-partijiet ossija ta' wahda mill-partijiet, inkiseb bl-eskuzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;
5. Illi l-esponenti jaf personalment b'dawn il-fatti kollha;

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

**1.** Tiddiciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-kontendenti iccelebrat nhar id-9 ta' Lulju, 1989 kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi, jew ghal xi wahda jew aktar minn dawn ir-ragunijiet, skond l-Artikoli 19 (1) (d), (f), tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta b'mod generali, u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta intimata li hija minn issa ngunta in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, li *in forza* taghha hija eccepiet :

1. Illi da parti ta' l-esponenti il-kunsens prestat ghaz-zwieg bejnha u bejn ir-rikorrent b'ebda mod ma kien vizjat kif jista' qed jigi propost fir-rikors promotur. Ir-rikorrent kellu jispecifika, u huwa fid-dmir li jispecifika biex l-atti jkunu regolari, **<u>lil min mill-partijiet</u>** qeghdin jigu attribwiti minnu il-vizji tal-kunsens li qed jindika ai termini ta' l-Att Dwar iz-Zwieg (Kap. 255 tal-Ligijiet);
2. Illi fil-kaz li r-rikorrent qieghed jikkontendi li l-kunsens tieghu ghaz-zwieg ma l-esponenti kien vizjat,

jekk dan jirrizulta isegwi li huwa ghandu ibati l-ispejjez ta' din il-procedura;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti ghandha quddiemha talba sabiex iz-zwieg bejn l-attur u l-intimata datat il-25 ta' Mejju 2005 jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikoli 19(1)(d) u (1)(f) tal-Att Dwar iz-Zwieg (Kap. 255).

Illi min-naha taghha l-intimata tghid li l-kunsens taghha bl-ebda mod ma kien ivvizjat u subordinatament tikkontendi li f'kaz li jirrizulta li l-kunsens tal-attur kien vizzjat, allura ghandu jkun hu li jbati l-ispejjez tal-proceduri odjerni.

**Il-verzjoni tal-attur**

L-attur jghid li ltaqa' mal-intimata fis-sena 1999 fuq il-post tax-xoghol tieghu meta kien ghad kellu biss ghoxrin sena filwaqt li hi kellha erbatax–il sena u dan *stante* li l-intimata kienet marret fuq l-Consumer Centre tal-Gvern fejn kien jahdem l-attur ma' tal-iskola. Wara li l-intimata bdiet tmur fuq il-post tax-xoghol tal-attur, ftit wara bdew johorgu flimkien. Jghid li fiz-zmien tal-gherusija, kollox kien ghaddej tajjeb bejniethom imma hu kien jithasseb dwar l-intenzjonijiet taghha dwar x'kienet ir-raguni ghaliex kienet qieghda mieghu. Jghid hekk ghaliex ihoss li kienet issibha facli li tkun mieghu specjalment minhabba l-fatt li hi ma kinitx issuq, ghalkemm kienet tahdem ftit kien ikollha flus u flimkien kienu jgawdu. Wara erba' snin flimkien, talabha biex jizzewgu, anke biex jara jekk kellhiex dak is-sens ta' *commitment* jew jekk kinitx sempliciment komda fir-

relazzjoni. L-intimata accettat pero’ jghid li dan sar b’nofs qalb ghaliex ma tantx kienet favur dan il-pass.

Ftit wara z-zwieg l-attur beda jissuspetta li l-intimata kellha lil xi ragel iehor tant li darba fost l-ohrajn, wara li cempel il-*mobile* taghha ammettiet li kellha ragel iehor f’hajjitha pero’ insistiet mieghu li dan kien iffissa fuqha u li bejniethom qatt ma kien gara xejn. L-intimata stqarret mieghu li kienet ilha tiltaqa’ ma dan ir-ragel sa’ minn qabel iz-zwieg taghhom u kien sab hafna rigali li kien jaghtiha dan l-istess ragel mohbijin fil-gwardarobba. Ghalkemm din ir-relazzjoni waqfet minhabba li l-istess attur kien ikkonfronthom, l-intimata kienet tistqarr mieghu li ma kienitx thobbu u li kienet izzewgitu minhabba l-genituri u minhabba l-post li kienu tawhom ommha u missierha.

Dwar il-kwistjoni tat-tfal, l-attur jghid li wara sentejn zwieg, l-intimata riedet tahseb ghat-tfal izda minhabba s-sitwazzjoni ta’ bejniethom, l-attur baqa’ jinsisti li ma jridx irabbi t-tfal f’ambjent negattiv fejn lanqas riedet tmur ghand marriage councellor biex tipprova ssalva z-zwieg jew biex is-sitwazzjoni ta’ bejniethom titjieb.

L-attur jghid ukoll li l-glied u l-argumenti taghhom kienu jkunu vjolenti fis-sens li l-intimata kienet tgaralu hafna affarijiet u kienet tigirfu wkoll apparti li kienet tistiednu ghall-glied. Darba fost l-ohrajn rega’ kellhom argument tant li spiccaw saru jafu l-genituri taghhom u l-attur spicca telaq mid-dar. Kien hemm tentattiv wara gimgha sabiex jirrikonciljaw, izda peress li l-intimata bdiet taghmel numru ta’ kondizzjonijiet, fosthom li l-attur ma setax imur il-*gym* aktar u li ma setax johrog ghal ikliet ma’ tax-xoghol aktar, irrealizza li l-intimata ma kienet ser tinbidel qatt u ghalhekk beda l-proceduri ghas-separazzjoni.

L-attur jaghlaq billi jghid li llum il-gurnata huma separati u ghalkemm ma jkellimhiex, gie infurmat li ghandha tifel minn ragel iehor.

**<u>Il-Verzjoni tal-intimata</u>**

L-intimata tghid li l-gherusija taghhom kienet verament sabiha izda tghid li meta waslu ghall-*engagament* missieru kien taha curkett tad-djamanti li kien qallha li kellu jerga’ jigi ritornat meta jisseparaw. Tghid li minflok tatulu lura fil-fatt missieru seraq dan ic-curkett minn darha stess. Tghid ukoll li minkejja li qabel iz-zwieg il-genituri tieghu kienu qalu li kienu ser izommu posthom fis-sens li ma jaqbdux u jmorru f’darhom minghajr ma jkunu qed jistennewhom, gara precizament bil-kontra tant li kienu jmorru ghandhom kuljum. Tghid li dak inhar li waslu lura mill-*honeymoon* lanqas cans jizbarazzaw il-bagalji ma tawhom u fi ftit kliem tghid li nehhewlhom kull forma ta’ privatezza bejniethom apparti li kienu jindahlu, sahansitra fuq x’ser jaraw fuq it-television peress li l-genituri tieghu kienu jdumu ghandhom sal-11.00pm. tghid li l-genituri tieghu kienu possessivi fuqu tant li lanqas setghet tbusu jew turih li qed tifrah bih ghax kliemhom kien dejjem ikun li hu taghhom sal-mewt. Minkejja dan kollu, l-intimata tghid li baqghet izzomm relazzjoni tajba mal-genituri tal-attur.

Fuq il-kwistjoni tat-tfal, l-intimata tghid li bdiet tithajjar izda anke fuq din sabet l-opposizzjoni ta’ missieru ghaliex anke meta kien jara *baby* fuq it-*television* kien idawwar l-istazzjon biex zgur ma tithajjarx. Barra minn hekk kien jaqtalhom qalbhom bix-xoghol illi ggib maghha tarbija.

Ir-relazzjoni ta’ bejniethom bdiet sejra ghall-aghar ghax bejn l-indhil tal-genituri tal-attur, bejn il-fatt li kien hemm nuqqas fl-intimita’ ta’ bejniethom u bejn il-fatt li l-attur kien beda jiehu l-*steroids* peress li kien qed imur il-*gym* kif ukoll peress illi l-attur kellu *infection* fil-parti intima tieghu.

Taghlaq l-affidavit taghha billi tghid li thoss li qisu l-genituri tal-attur rebhu bil-firda taghhom ghaliex regghu hadu lil binhom lura.

**<u>Il-Mertu tal-Kaz odjern</u>**

Il-partijiet jidher li zzewgu nhar il-25 ta’ Mejju 2005 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg esebit a fol 5 tal-process.

Il-Qorti taghmel referenza ghax-xiehda ta' missier l-attur fejn jiddiskrivi r-relazzjoni ta' ibnu mal-intimata bhala wahda fejn kienu jiggieldu kwazi il-hin kollu. Jghid ukoll li hu u martu kienu inkwetati fis-sens li ma kienux jaraw lill-intimata qed tiehu l-preparamenti taz-zwieg bis-serjeta'. Jghid ukoll li hekk kif waslu mill-*honeymoon* kienu ggieldu tant bi kbir li baqa' mbellah u b'halqu miftuh. Jghid li hassu tradut mill-intimata ghaliex kull ma riedet kienet li jlestulha d-dar bl-ghamara (peress li missier l-attur huwa mastrudaxxa) u xejn aktar ghaliex jghid li lil ibnu ma kienitx thobbu tant li wara xahar zwieg, hlief separazzjoni u divorzju ma kienitx issemmi. Huwa ta' rilevanza dak li jghid ix-xhud meta jirrakkonta kif wara biss xahar li kienu mizzewgin il-partijiet, l-intimata qalet "***anzi ghamilna xahar mizzewgin***" liema dikjarazzjoni kompliet ikkonfermat dak li kien qed jahseb ix-xhud u cioe' li l-intimata ma kienitx thobb lil ibnu. Jikkonferma wkoll li ibnu kien stqarr mieghu wara biss erba' xhur zwieg li C kellha wicc haddiehor u jzid jghid ukoll li anke missierha kien konoxxenti minn din ir-relazzjoni tant li kien missierha stess li avzah biex ihalli lil bintu bi kwieta peress li kienet mara mizzewga.

Issir referenza wkoll ghax-xiehda ta' omm l-attur Rita B li wkoll tghid li ftit qabel iz-zwieg kienet wissiet lil binha li kienet qed tinnota li l-intimata kienet qieghda taghti aktar importanza lill-affarijiet materjali tat-tieg milli lis-sagrament. Ix-xhud tirrakkonta wkoll kif l-intimata stess kienet stqarret maghha li l-ewwel gimgha taz-zwieg taghhom kienet wahda ta' glied kontinwu tant li tghid li kull darba li kienu jieklu flimkien, kienet taqbad argument u l-intimata ma kienet tiddejjaq xejn tghajjar lil zewgha fil-prezenza tal-genituri tieghu.

Min-naha l-ohra, mix-xiehda ta' missier l-intimata, il-Qorti ghandha quddiemha verzjoni totalment differenti minn dik li jaghtu l-genituri tal-attur. Dan ghaliex hu jghid li missier l-attur ma riedx jerga' jikkonsenja lura c-cavetta tal-post tal-partijiet filwaqt li beda jara lil bintu tqatta' wisq iljieli ghandhom filwaqt li l-attur kien johrog ma' shabu. Anke Gracie Sacco tghid li l-intimata kienet tistqarr maghha li l-genituri tal-attur ma kienux ituhom nifs biex ikollhom ftit

tal-hin wahedhom. L-istess xhud tghid ukoll li l-attur inbidel kemm fizikament kif ukoll fl-attitudni tieghu ghaliex aktar ma kiber fil-persuna tieghu (minhabba l-*gym* u l-pilloli li kien qieghed jiehu) aktar beda jara lil martu kerha tant li tirrakkonta li kien jghajjarha soru ghax tilbes onest.

Il-Qorti tirrileva li quddiemha ghandha xiehda kontrastanti ferm dwar il-kaz odjern izda fic-cirkustanzi, trid necessarjament tevalwa l-provi kollha migjuba quddiemha sabiex tasal ghall-konkluzjoni taghha dwar liema verzjoni hija aktar vero-simili. Ghal dak li huwa apprezzament tal-provi, il-kriterju determinanti mhuwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx dak li jkun gie spjegat lilu, izda jekk dawk l- ispjegazzjonijiet humiex verosmili fic-cirkostanzi svarjati tal-hajja (**Borg vs Bartolo** deciz nhar il–25 ta' Gunju 1980 mill-Appell Inferjuri). Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili huwa dak li bizzejjed li jkun inissel certezza morali f'mohh il-gudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanc ta' probabilitajiet (**Caruana vs Laurenti** deciza nhar it–8 ta' April 1994 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili; **Borg vs Manager ta' l-Intrapriza tal-Halib** deciza nhar is-17 ta' Lulju 1981 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili; **Vassallo vs Pace** [Vol.LXX.II.144] u **Zammit vs Petrococchino** deciza nhar il-25 ta' Frar 1952 mill-Appell Kummercjali.

Illi fil-kuntest ta' dan kollu, il-Qorti tirrileva li jirrizulta bl-aktar mod car li l-genituri taz-zewg partijiet kellhom rwol ta' certu portata fis-sens li jidher car li kellhom rwol li jista' facilment jigi deskritt bhala wiehed li huwa esagerat fis-sens li ma tawx lill-koppja z-zmien li verament ikunu flimkien. Huwa minnu li l-attur jinnega li l-genituri tieghu kellhom din l-importanza fil-hajja taghhom pero' meta wiehed jinnota li hemm qbil li missier l-attur kien specifikament qalilhom li ma jmisshomx jahsbu ghat-tfal, dan zgur li jammonta ghal indhil zejjed. Jidher car ukoll li l-genituri kellhom rwol fuq id-decizjoni taghhom li jizzewgu, fis-sens li min-naha taghha omm l-attur wissietu li l-intimata ma kienitx qed taghti wisq importanza lis-sagrament u l-attur jghid li d-decizjoni taghha li tizzewweg kienet ibbazata fuq il-fatt li l-genituri taghha kienu tawha l-post, filwaqt li l-intimata tghid li meta inghatat ic-curkett

tal-*engagement* missier l-attur, kien diga' qed jahseb hazin u fil-possibilita` li huwa jisseparaw.

Il-Qorti tirrileva li jidher car li z-zwieg ta' bejn il-partijiet kien mizghud b'hafna opinjonijiet, hsibijiet u indhil, liema sitwazzjoni xejn ma ghamlitha facli ghall-partijiet sabiex jifformaw dik il-hajja mizzewga jew li jidhlu ghal dan iz-zwieg b'mod matur u b'decizjoni taghhom personali minghajr ma jkunu influwenzati bid-decizjonijiet u l-hsibijiet tal-genituri taghhom. Sabiex it-talba tal-attur tkun tista' tintlaqa', il-Qorti trid tkun necessarjament moralment konvinta li xi wahda jew wiehed mill-partijiet kellu l-kunsens vizzjat fil-mument tal-kunsens. Il-fatt li l-attur stess jikkonferma li donnu propona lill-intimata z-zwieg bhal xi forma ta' test biex jara jekk thobbux, turi kemm fattwalment kien immatur ghaliex iz-zwieg mhux test. L-istess jista' jinghad ghall-immaturita' tal-intimata li kienet taf li kien hemm din il-hbiberija specjali mar-ragel li kien jghallimha d-drums u baqghet ghaddejja bil-preparamenti taz-zwieg, anke meta kienet taf ukoll li l-genituri tal-attur kellhom daqshekk pussess fuqu. Is-sens ta' immaturita' jkompli jimmanifesta ruhu fil-fatt li donnhom li l-genituri tal-partijiet kienu konoxxenti minn kull argument li kien ikollhom bhala koppja, liema aspett ikompli juri li l-koppja qatt ma kienu hallew il-familji rispettivi taghhom biex jibnu l-familja taghhom imma donnhom kienu ghadhom *attached* b'mod izzejjed mal-genituri rispettivi taghhom.

F'dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Parties Atkins Charles Vs Atkins Matilde** fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi pruvat quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Onorabbli Qorti:

"***Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn***

***dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom*”.**

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph** “***Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga***”.

In vista tal-gurisprudenza citata aktar ‘il fuq u in vista tax-xiehda migbura, jirrizulta car li l-partijiet izzewgu minghajr ma verament hasbu x’riedu mill-hajja mizzewga jew jekk verament ridux din il-hajja. Hadd minnhom m’ghamel l-ezercizzju mentali dwar jekk verament riedux jidhlu ghal dan iz-zwieg bhal li kieku z-zwieg kien *just the next thing to do* u xejn aktar. Iz-zewg partijiet jaghtu l-verzjonijiet differenti taghhom izda t-tnejn li huma jakkuzaw lil xulxin b’relazzjonijiet adulteri tant li min-naha taghha l-intimata tikkontendi li l-attur kellu *infection* fil-parti intima tieghu filwaqt li l-attur jghid li anke missier l-attrici kien qabadha ma’ ragel iehor. Il-Qorti tirrileva li ghalkemm l-adulterju mhux bazi ghall-annullament taz-zwieg bejn il-partijiet, il-fatt li l-intimata baqghet izzomm din ir-relazzjoni (li hija ssostni li hija wahda platonika) u kienet ezistenti qabel iz-zwieg juri kemm kienet immatura fid-decizjoni taghha u li dahlet ghal dan iz-zwieg b’mod laxk. Min-naha tieghu l-

attur jghid li propona z-zwieg ghaliex ried ikun jaf jekk l-intimata thobbux u baqa' ghaddej biz-zwieg minkejja li kien jaf li hija accettat il-proposta tieghu b'nofs qalb. Dawn il-fatturi kollha juru li l-paritjiet ma kellhomx dik il-maturita' bizzejjed biex jidhlu ghaz-zwieg.

Illi dwar l-Arikolu 19(1)(f) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet inkiseb b'eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, din il-Qorti trid tkun moralment konvinta sal-grad rikjest mill-ligi li xi wiehed jew wahda mill-partijiet ghamlet simulazzjoni taz-zwieg jew ta' xi wiehed mill-elementi taz-zwieg taghha sabiex tkun tista' tasal ghal decizjoni ta' nullita' abbazi ta' dan l-Artikolu izda il-Qorti tirrileva li ma ngabet prova in sostenn ma' din it-talba u ghalhekk, talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita' abbazi ta' dan l-artikolu ma tistax tintlaqa'.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara z-zwieg null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artiklu 19(1)(d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez jinqasmu b'mod ugwali bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------